

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1832**

**tat-23 ta' Novembru 2020**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina  
dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1111 <sup>(2)</sup>, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fl-14 ta' Settembru 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) Il-Ftehim għandu l-għan li jkseb l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi u li jipprovdi strumenti biex jiġu miġġielda l-prattiki qarrieqa u użi inġusti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.
- (3) L-Artikolu 10 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt responsabbli mill-emendi tal-Annessi għall-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq għall-Kunsill li, f'konformità mal-Artikolu 218(7) tat-Trattat, jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova, fisem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt, il-modifiki għall-Annessi I u III sa VI għall-Ftehim.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni. <sup>(3)</sup>

<sup>(1)</sup> Approvazzjoni tal-11 ta' Novembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1111 tal-20 ta' Lulju 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom (ĠU L 244, 29.7.2020, p. 8).

<sup>(3)</sup> Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

1. Għall-finijiet tal-emendar tar-referenzi għal-liġi applikabbli għall-Partijiet, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, modifiki għall-Anness I għall-Ftehim.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 3 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, modifiki għall-Anness III u IV għall-Ftehim, kif ukoll il-modifiki korrispondenti għall-Annessi V u VI għall-Ftehim. Meta l-partijiet interessati ma jkunux jistgħu jilhqgħu ftehim wara oġġezzjonijiet relatati ma' indikazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta pożizzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. <sup>(4)</sup>

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim. <sup>(5)</sup>

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2020.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. ROTH

---

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.